# DISKORSI MAGĦŻULA

## tal-Qaddis Profeta tal-Iżlam

# MUĦAMMAD[sa]



# DISKORSI MAGĦŻULA TAL-QADDIS PROFETA TAL-IŻLAM

# MUHAMMAD[sa]

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

***"SELECTED SAYINGS OF THE HOLY PROPHET OF ISLAM"***

Maltese Translation
Translated into Maltese from English
First Published in Malta 2012
© Islam International Publications Limited

*For further information please contact:*
**Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta**
Mob: +356-79320139
Tel: +356-27342401
Tel: +356-21322105
Fax: +356-27322105
E: amjmalta@gmail.com
www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org

Printed in Malta by Print Right Ltd. – Ħal Qormi
Published by: Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

## Fl-Okkażjoni taċ-Ċentinarju tal-Komunità Aħmadija Mxerrda mad-Dinja

Dan huwa rigal mingħand dawk il-Misilmin Aħmadi li, sa dan iż-żmien, għadhom ippersegwitati u maqtula martri għalxejn aktar għajr għaliex iħobbu u jxandru l-messaġġ li Alla huwa Wieħed. Huma jirrappreżentaw tabilħaqq l-ispirtu ta' Bilāl.*

* *Bilāl (l-għaxqa ta' Alla fuqu) kien wieħed minn Sħab il-Qaddis Profeta Muħammad (is-sliem fuqu). Minkejja li ngħata torturi kbar minħabba li ħaddan l-Iżlam, huwa kien jippreferi jmut milli jiċħad it-twemmin tiegħu f'Alla Wieħed.*

# WERREJ


| | |
|---|---|
| Il-Qaddis Profeta Muħammad | 7 |
| Daħla | 10 |
| Intenzjonijiet u Għemejjel | 14 |
| L-Imħabba lejn Alla | 16 |
| Il-Koran Imqaddes | 17 |
| L-Imġiba mill-Aħjar tal-Mibgħut ta' Alla | 18 |
| Is-Sisien tal-Iżlam | 18 |
| Is-Sawm | 21 |
| Il-*Haġġ* (il-pellegrinaġġ) | 21 |
| Iż-*Żakāt* (nefqa għal Alla) | 22 |
| L-Għemil it-Tajjeb u mhux il-Ħażin | 23 |
| Is-Sejħa biex il-Bniedem idur lejn Alla | 24 |
| Obbligazzjonijiet u Projbizzjonijiet | 24 |
| Iż-Żwieġ | 25 |
| L-Imġiba Tajba | 26 |
| Is-Soċjetà Misilma | 27 |
| Gratitudni lejn in-Nies | 28 |
| Mġiba Tajba mal-Ġenituri | 28 |

Relazzjonijiet Tajbin mal-Ġirien 28

Dħulija mad-Dgħajfin 29

Il-Maħfra 29

Mġiba Tajba mal-Mejda 29

L-Ilbies 30

L-Indafa 30

L-Għira 30

Il-Kburija 31

Il-Waqgħa tal-Iżlam 32

Il-Miġja tal-Imām Maħdī 33

Il-Komunità Aħmadija Musulmana 36

# Il-Qaddis Profeta Muħammad
Il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu dejjem fuqu
# Il-Messaġġier tal-Umanità Kollha

Il-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu dejjem fuqu, kien il-profeta fundatur tal-Iżlam u l-wieħed magħżul li lilu kienet rivelata l-aħħar reliġjon. Huwa twieled f'familja nobbli fis-sena 570WK ġewwa Mekka, fl-Arabja Sawdita, u kien dixxendent tal-Profeta Abraħam (il-paċi tkun dejjem miegħu). Il-kelma 'Muħammad' litteralment tfisser 'ħaqqu t-tifħir'.

**Ħajjet Muħammad qabel sar profeta**

Missieru, Abdullaħ, miet ftit xhur qabel twieled u ommu, Amena, mietet meta kellu biss sitt snin. Wara ħa ħsiebu n-nannu, Abdul-Muttalib, li wkoll miet sentejn wara. Imbagħad  Muħammad trabba minn zijuh Abu-Talib.

Minkejja dawn id-diffikultajiet, Muħammad (paċi tkun miegħu) kiber f'persuna onesta, dinjituża, tħobb il-verità u intelliġenti. Għen ukoll lil zijuh fin-negozju u ġieli akkumpanjah fil-vjaġġi tiegħu f'artijiet oħra.

Muħammad (paċi tkun miegħu) għex ħajja qaddisa u sempliċi u kien magħruf għall-ġenerożità tiegħu. L-imġiba tiegħu kisbitlu t-titli ta' As-Siddique (tfisser 'l-iktar onest') u Al-Amin (tfisser 'l-iktar affidabbli').

Meta kellu ħamsa u għoxrin sena Muħammad (paċi tkun miegħu) iżżewweġ armla rispettabbli bl-isem ta' Khadiġa li kienet ħmistax-il sena ikbar minnu. Khadiġa kienet tant impressjonata bil-karattru nobbli tiegħu li tatu l-ġid u l-iskjavi kollha tagħha – li spiċċa biex tahom il-libertà. Il-Qaddis Profeta qassam ukoll ħafna mill-proprjetà fost il-foqra u dawk fil-bżonn.

## Rivelazzjoni

Muħammad (paċi tkun miegħu) kien iqatta' ħafna mill-ħin tiegħu fit-tifkira ta' Alla ('Alla' hija l-kelma Għarbija għal 'Alla Wieħed'). Ta' spiss kien jimmedita f'għar bl-isem ta' Hir'a li kien ftit mili 'l bogħod minn Mekka. Meta kellu erbgħin sena kellu viżjoni li fiha deherlu l-Anġlu Gabriel u għaddielu l-ewwel rivelazzjoni minn Alla b'dan il-kliem:

> "*Iddeklama f'isem is-Sid tiegħek li ħalaq, ħalaq 'il-bniedem minn għoqda adeżiva. Iddeklama, u s-Sid tiegħek huwa l-iktar Nobbli, li għallem bil-kitba, għallem lill-bniedem dak li ma jafx*." (Koran Imqaddes Ka.96:Vs.2-6)

Muħammad (paċi tkun miegħu) kien tant miblugħ b'din l-esperjenza li ħarab jiġri d-dar u rrakkonta kollox lill-mara tiegħu Khadiġa (fuqha s-sliem dejjiemi), li ħaditu għand il-kuġin tagħha Waraqa bin Naufal li kien eremita Nisrani. Hekk kif sema' dak li kien ġara Waraqa qal: "L-anġlu li niżel fuqek huwa żgur l-anġlu li niżel fuq Mosè." Kien qed jirreferi għall-profezija 18:18 fid-Dewteronomju ("Inrawwem fosthom Profeta, u npoġġi l-kliem tiegħi f'ħalqu; u dan jgħidilhom dak kollu li jien nikkmandah.") li bassret il-miġja ta' profeta kbir. Din, fil-fatt, tat sinjal għall-bidu tal-missjoni ta' Muħammad (paċi tkun miegħu) bħala profeta u messaġġier ta' Alla.

Il-versi msemmija hawn fuq huma l-ewwel versi tal-Koran Imqaddes rivelati lil Muħammad (paċi tkun miegħu). Fuq medda ta' 23 sena kien rivelat il-Koran Imqaddes kollu u sal-lum it-test kollu għadu kompletament mhux mibdul.

## Il-Missjoni tiegħu

Il-Profeta Muħammad (paċi tkun miegħu) għallem l-unità t'Alla. Huwa qal li r-reliġjonijiet divini kollha għallmu l-istess messaġġ tal-unità t'Alla u li biex wieħed jikseb il-paċi jenħtieġlu jaqdi l-obbligazzjonijiet tiegħu lejn Alla u lejn il-bniedem. Muħammad (paċi tkun miegħu) għen lill-foqra, ta l-libertà lill-iskjavi, ipproteġa lid-dgħajfa mill-isfruttament u ta l-ugwaljanza lin-nisa. Qal lis-segwaċi tiegħu biex jipperseveraw, jitolbu u jkollhom fiduċja f'Alla fid-diffikultajiet tagħhom. Il-missjoni tiegħu kienet dik li jeqred il-ħażen u l-inġustizzji u jistabbilixxi t-tjubija u l-pjetà fid-dinja. Għalhekk li fil-Koran jirreferu għalih bħala **'l-ħniena għall-umanità kollha'**.

**Sforzi u Kisbiet**

Il-pagani ta' Mekka ma ridux jisimgħu b'Muħammad (paċi tkun miegħu) u opponewh b'kull mod possibbli. Huwa u s-segwaċi tiegħu kienu ppersegwitati bi ħruxija liema bħalha iżda rnexxielhom jissaportu dan kollu b'perseveranza u b'paċenzja eżemplari mingħajr l-ebda ritaljazzjoni. Huma ġew sottoposti għal kull xorta ta' umiljazzjonijiet u dawk l-iskjavi li saru Musulmani kienu ttrattati verament ħażin. Wara tlettax-il sena ta' persekuzzjoni min-nies ta' Mekka, Muħammad (paċi tkun miegħu) kien ordnat minn Alla biex jemigra lejn Medina, kważi 260 mil fit-Tramuntana ta' Mekka. Madankollu, anke hemm in-nies ta' Mekka xorta ma ħallewhx jgħix fil-paċi. Huma ssieltu għadd ta' gwerer kontra tiegħu, iżda sfaw telliefa. Muħammad (paċi tkun miegħu) iġġieled biss biex jiddefendi lilu nnifsu u meta kien rebbieħ dejjem tratta lill-għedewwa tiegħu bi ħniena u maħfra.

Meta Mekka sa fl-aħħar kienet mirbuħa minn Muħammad (paċi tkun miegħu) dan sar b'mod paċifiku u mingħajr gwerer. Barra dan, Muħammad (paċi tkun miegħu) kien ferm ġentili u ġeneruż mal-għedewwa tiegħu.

Muħammad (paċi tkun miegħu) stieden lil kulħadd biex ikun midħla tal-Iżlam iżda fl-istess ħin ta ċans lil kulħadd biex jipprattika l-fidi tiegħu taħt il-protezzjoni tal-Iżlam.

Ħajjet il-Qaddis Profeta Muħammad (paċi tkun miegħu) hi tabilħaqq speċjali għax fuq medda ta' tlieta u sittin sena jidher li seħħew is-serje kollha tal-esperjenzi umani; mill-faqar għall-għana, mill-fallimenti għall-kisbiet, minn vuċi solitarja għall-ġustizzja u l-paċi għall-kisba bla kundizzjoni tal-poter, mill-persekuzzjoni għall-awtorità rjali.

Huwa kellu jbaxxi rasu għall-fatt li kien iltim. Kien tifel adottiv affezzjonali, kummerċjant onest, raġel miżżewweġ affettiv, missier twajjeb, ġar responsabbli, gwerrier u ġeneral kbir, imħallef u leġiżlatur ġust, statista dehni, ħabib leali u fuq kollox profeta u predikatur tal-Kelma ta' Alla.

Il-Qaddis Profeta (paċi tkun miegħu) miet fis-sena 622WK u ħalla warajh komunità ta' segwaċi li komplew il-missjoni tiegħu tat-tifrix tal-Iżlam mad-dinja kollha minkejja diffikultajiet kbar. Illum insibu 'l fuq minn biljun Musulman fid-dinja.

# DAĦLA

L-Iżlam hija reliġjon kbira. Is-sigriet tal-kobor tal-Iżlam jinsab fil-perfezzjoni tat-tagħlim tal-Koran Imqaddes, kif ukoll fil-fatt li dak li waqqaf l-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad *(is-sliem fuqu)* ipprattika dan it-tagħlim sal-aħħar. Huwa, għalhekk, sar perfett – eżempju ħaj ta' dak li kien jgħallem.

Ir-rabta profonda u qawwija bejn it-tagħlim u l-prattika tal-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* ħalla fuq Sħabu marka li ma titħassarx. Wara mewtu, meta staqsew lil martu Għāxja dwar ħajtu, hija wieġbet hekk:

"Ħajtu kienet il-Koran."

Ma kien hemm ebda kontradizzjoni bejn kelmtu u Kelmet Alla. Huwa wassal il-Kelma t'Alla bl-aktar mod safi, mingħajr ebda ndħil tax-xewqat personali tiegħu. Il-Koran Imqaddes jixhed hekk dwaru:

*"Hu ma jitkellimx minn żniedu;*
*id-diskorsi kollha tiegħu*
*huma mnissla mit-tnebbiħ Divin."*

Mhux ta' b'xejn li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* huwa ppreżentat fil-Koran Imqaddes bħala mudell perfett għall-umanità kollha u għaż-żminijiet kollha. Alla l-Imbierek jgħid hekk fil-Koran:

*"Tabilħaqq li fil-Mibgħut ta' Alla (Muħammad) għandkom mudell nobbli."*

Diġà kienet ixxandret għażla ta' versi mill-Koran Imqaddes li tittratta xi aspetti importanti tal-ħajja umana. Issa jmiss li tixxandar għażla qasira ta' *Hadīṯ,* jiġifieri t-Tradizzjonijiet dwar il-ħajja, l-għemejjel u d-diskorsi tal-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu).* Studju dwar dawn id-diskorsi jservi ta' introduzzjoni qasira għall-ħajja ta' kuljum tal-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)*, kif ukoll jixħet dawl dwar kif kien jitlob, il-livell moral għoli tiegħu, u kif kien jipprietka.

Minkejja li xi Tradizzjonijiet kienu bdew jinkitbu sa minn meta l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* kien għadu ħaj, il-biċċa l-kbira tagħhom inkitbu madwar mitejn sena wara mewtu. Minkejja li ħafna minn dawn it-Tradizzjonijiet inġabru daqshekk tard, madankollu wieħed xorta waħda jista' joqgħod fuqhom fid-dawl ta' dan li ġej:

**L-ewwel:** kliem il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* kien dejjem mogħti ġieħ kbir u għalhekk Sħabu kienu jimmemorizzaw kulma kien jgħid, kienu jtennuh, jirrappurtawh lil nies oħra, u jibqgħu jitkellmu dwaru għal ħafna żmien.

**It-tieni:** kliemu kien milqugħ b'ħeġġa reliġjuża u b'devozzjoni kbira. L-iċken tluq mill-kliem oriġinali tiegħu kien meqjus bħala ħtija li wieħed irid jagħti kont tagħha lil Alla. Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* innifsu kien jgħid hekk dwar dan:

*"L-Infern ikun l-għamara tal-bniedem li jgħid*
*li jiena għedt dak li fil-fatt qatt ma għedt."*

**It-tielet:** meta n-nies kienu jirrakkuntaw ġrajjiet dwaru, jew li semgħu mingħandu, lil nies oħra, kienet id-drawwa li dawk li jirċievu l-messaġġ, mhux biss jimmemorizzaw dak li ntqal, imma kienu jimmemorizzaw ukoll l-isem u xi tagħrif ieħor dwar il-persuna li rrakkuntat dik il-ġrajja. B'hekk, f'każ ta' dubju, wieħed kien jikkwota l-awtorità li rrakkuntat il-ġrajja.

**Ir-raba':** l-Għarab kienu magħrufa għall-memorja kbira li kellhom. Saħansitra qabel il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)*, ma kienx rari li ssib nies fosthom li kienu jimmemorizzaw sa mitt elf vers mill-poeżija tal-poeti Għarab, jew anki aktar. Barra minn hekk, kienet id-drawwa li wieħed jiftakar ġenealoġiji sħaħ ta' familji differenti. Wara l-wasla tal-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)*, il-livell morali ta' Sħabu kien imtejjeb ħafna, u d-drawwa tal-esaġerazzjoni kienet tkun ikkundannata. Barra minn hekk, wieħed kien jisħaq fuq il-Koran Imqaddes bħala l-kriterju dwar il-verità tad-diskorsi miġbura u l-verifikazzjoni tagħhom.

Bħala riżultat ta' dawn il-fatturi, it-Tradizzjonijiet tal-Qaddis Profeta tal-Iżlam *(is-sliem fuqu)* kienu miżmuma b'reqqa u għożża kbira li ma tinsabx f'sistemi oħra ta' ġbir ta' materjal storiku.

Fil-proċess tal-ġbir ta' dawn il-qwiel, l-għorrief Misilmin ħadmu b'tant għaqal, u tant qagħdu attenti għall-eżattezza, li wieħed jista' jistqarr li ebda

ġbir ieħor ta' tagħrif storiku ma jista' jitqabbel mal-ġbir tad-diskorsi tal-Qaddis Profeta tal-Iżlam *(is-sliem fuqu).* Kull ħolqa fil-katina ta' narraturi ta' xi tradizzjoni partikulari hija speċifikata bl-aktar mod ċar fl-akbar xogħlijiet dwar il-*Hadīṯ.* Saħansitra l-istudju tal-karattru tan-narraturi, u ta' kemm wieħed jista' joqgħod fuqhom, żviluppa f'qasam ġdid ta' studju. B'hekk, għall-ewwel darba fl-istorja tal-bniedem, ġiet żviluppata għamla ġdida ta' xjenza, dik tal-analiżi tat-Tradizzjonijiet.

Għal dawk il-qarrejja li mhumiex wisq midħla mal-Iżlam, jeħtieġ li ngħidu li mill-għexieren ta' kotba li nkitbu dwar it-Tradizzjonijiet, l-għorrief Misilmin iqisu sitta biss bħala kotba ta' importanza straordinarja. Dawn jissejħu s-Siħāħ Sitta, jiġifieri 'is-sitt kotba awtentiċi'. Ħafna mit-Tradizzjonijiet imxandra f'din l-għażla qasira huma meħuda minn dawn is-sitt kotba. Din li ġejja hija introduzzjoni qasira dwar dawn il-kotba u l-kittieba tagħhom:

**Saħīħ Buẖārī**:
Dan il-ktieb jitqies l-aktar wieħed awtentiku wara l-Koran Imqaddes. L-awtur huwa Muħammad Ismagħīl minn Buẖāra, magħruf aktar bħala l-Imām Buẖārī
(twieled 194 – miet 256 tas-sena Ħiġrija, jew 816 – 878 A.D.).

**Saħīħ Muslim**:
Dan jitqies bħala t-tieni fl-importanza. Huwa x-xogħol ta' Muslim bin al-Ħaġġāġ minn Najxapūr, f'H̱orasān (twieled 202 – miet 261 tas-sena Ħiġrija, jew 824 – 883 A.D.).

**Ġāmigħ at-Tirmiḏī**:
Dan huwa t-tielet ktieb fl-ordni tal-importanza. Il-kittieb huwa l-Imām Muħammad bin Għīsā mill-belt ta' Tirmiḏ (twieled 209 – miet 279 tas-sena Ħiġrija, jew 831 – 901 A.D.).

**Sunan 'Abū Dāwūd**:
Ir-raba' fl-ordni tal-importanza huwa dan il-ktieb ta' Sulajmān bin al-'Axgħaṯ, magħruf l-aktar bħala 'Abū Dāwūd (twieled 202 – miet 275 tas-sena Ħiġrija, jew 824 – 897 A.D.).

**Sunan Ibn Māġa**:
Din il-ġabra titqies bħala l-ħames fl-importanza. L-awtur huwa Muħammad bin Māġa li kien mill-belt magħrufa ta' Qażwīn, fl-Iraq (twieled 209 – miet 275 tas-sena Ħiġrija, jew 831 – 897 A.D.).

**Sunan Nisā'ī**:
Is-sitt ġabra fl-ordni tal-importanza hija xogħol Aħmad bin Xugħajb, magħruf bħala n-Nisā'ī, għaliex kien mill-belt ta' Nisā', f'H̱orasān (twieled 215 – miet 306 tas-sena Hiġrija, jew 837 – 928 A.D.).

**Al-Muwatta' tal-Imām Mālik**:
Minbarra s-Siħāħ Sitta - is-sitt kotba awtentiċi - hemm ġabra importanti oħra ta' Tradizzjonijiet magħrufa bħala l-Muwatta' tal-Imām Mālik. L-awtur huwa Mālik bin 'Anas, magħruf aktar bħala l-Imām Mālik. Dan il-ktieb ma jagħmilx parti mis-Siħāħ Sitta għaliex huwa meqjus bħala ktieb ta' Ġurisprudenza, u t-Tradizzjonijiet imsemmija fih huma kkwotati b'rabta ma' kwistjonijiet ġuridiċi. L-awtentiċità tal-ġrajjiet ikkwotati hija kkonfermata mill-fatt li dawn il-ġrajjiet kollha jissemmew fil-kotba Saħīħ Buẖārī u Saħīħ Muslim. L-Imām Mālik huwa miżmum f'qagħda għolja fost dawk li ġabru t-Tradizzjonijiet, u fil-fatt jissejjaħ *Imāmu l-muħaddiṯīn*, jiġifieri l-kap ta' dawk li ġabru l-*Hadīṯ*.

# Intenzjonijiet u Għemejjel

1. Għumar bin al-Ḫattāb *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta dan li ġej meta kien qed jindirizza l-Misilmin mill-pulptu *(minbar)*:

> "Smajt lill-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* jgħid hekk: 'L-għemejjel huma skont l-intenzjonijiet, u kull bniedem ma jiksibx għajr dak li kellu f'rasu. It-tluq *(hiġra)* ta' dak li tassew irid jersaq lejn Alla u l-Mibgħut tiegħu se jwasslu għand Alla u l-Mibgħut tiegħu. Iżda dak li t-tluq tiegħu jkun lejn il-ħwejjeġ tad-dinja, dawn il-ħwejjeġ isib. Jekk it-tluq tiegħu jkun lejn mara, biex jiżżewwiġha, it-tluq tiegħu jwasslu lejn dak li telaq lejh'." (Buḫārī)

2. Għabd Allāh bin Għumar *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jgħid li sema' lill-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* jgħid:

> "Il-Mislem ġenwin huwa dak li l-Misilmin huma mħarsa minn idejh u minn ilsienu. L-emigrant ġenwin huwa min jitlaq u jħalli warajh dak kollu li Alla pprojbixxa." (Buḫārī)

3. Għabd Allāh bin Għumar *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)*, waqt prietka *(ḫutba)* ta' nhar ta' Ġimgħa qal hekk minn fuq il-pulptu *(minbar)*:

> "Is-smewwiet huma mitwija fil-leminija tiegħu. Sebħ lilu! Huwa wisq Ogħla minn dak li *(l-pagani)* ixierku miegħu." Il-Qaddis Profeta jkompli jistqarr li Alla l-Għoli jgħid: 'Jiena dak li nġib kollox taħt idejja; Jiena dak ta' kobor bla qies; Jiena s-Sultan; Jiena l-Wisq Għoli, li jsebbaħ lilu nnifsu.' Il-Profeta ta' Alla *(is-sliem fuqu)* tenna dan il-kliem ħafna drabi hekk li l-pulptu beda jitriegħed, u ħsibna li se jiġġarraf taħtu." (Masnad Aħmad)

4. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

> "Hemm żewġ espressjonijiet li Dak Kollu Ħniena jħobb wisq. Huma ħfief għall-ilsien u tqal fil-miżien *(għaliex huma ta' siwi kbir)*. Dawn huma: Sebħ lil Alla bit-tifħir tiegħu, u Sebħ lil Alla l-Kbir bla qies!" (Buḫārī)

5. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal li Alla, il-Qawwi u l-Għoli, jgħid:

> "Il-qaddej tiegħi jgiddibni, u dan ma jixraqlux. Huwa joffendini, u dan ma jixraqlux. Huwa jgiddibni għaliex jgħid: 'Huwa mhux se jerġa' jqajjimni *(wara mewti)*.' Huwa joffendini meta jgħid: 'Alla ħa għalih iben.' Jgħid dan, meta Jiena huwa Dak li kulħadd idur lejh fil-ħtieġa, li la jiled u lanqas jitwieled, u bħalu ma għandu lil ħadd." (Masnad Aħmad)

6. Ġābir *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li sema' lill-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* jgħid:

"L-aqwa mod li tiftakar f'Alla huwa billi tistqarr: Ma hemmx alla ħlief Alla. L-aqwa sejħa hija: It-tifħir lil Alla." (Tirmidī)

7. 'Abū Mūsā *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Dak li jiftakar fil-Mulej Sidu u dak li ma jiftakarx fih, huma bħall-ħaj u l-mejjet. Id-dar li fiha jitfakkar Alla u d-dar li fiha Alla ma jitfakkarx, huma bħall-ħaj u l-mejjet." (Buḫārī)

8. 'Abū Mūsā *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta:

"Darba waħda, waqt li konna qed nivvjaġġaw mal-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)*, xi nies bdew jgħajtu '*Allāhu akbar!*' (Alla huwa l-Akbar). Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qalilhom: 'Ja nies! Bil-mod. M'intomx issejħu lil xi ħadd trux, jew li ma jinsabx hawn. Qed issejħu lil Dak li jisma' kollox, jinsab fil-qrib, u huwa magħkom'." (Muslim)

9. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Alla l-Imbierek u l-Għoli għandu xi anġli, fi grad għoli, li l-ħin kollu jfittxu nies li jinġabru biex jiftakru f'Alla. Meta jiġu fuq xi ġemgħa ta' nies minn dawn, huma joqogħdu magħhom u jifirxu l-ġwienaħ tagħhom fuqhom, filwaqt li jtiru, anġlu fuq l-ieħor, sa ma l-ispazju bejn l-art u l-eqreb sema jimtela bihom. Meta n-nies jitilqu, l-anġli jitilgħu l-ġenna. Imbagħad Alla, il-Qawwi u l-Għoli, jistaqsihom, għalkemm Huwa jaf sewwa x'għadda minnhom: 'Minn fejn ġejjin?' Huma jwieġbu: 'Ġejjin mingħand xi qaddejja tiegħek fuq l-art li kienu qed isebbħu, ifaħħru l-kobor tiegħek, ixandru li ma hemmx alla ħliefek, jagħtuk ġieħ u jitolbuk.' Imbagħad Alla jistaqsihom: 'X'jitolbuni?' L-anġli jwieġbu: 'Jitolbuk il-Ġenna tiegħek.' Imbagħad Alla jistaqsihom: 'Raw il-Ġenna tiegħi?' L-anġli jwieġbu: 'Le, Sidna.' Imbagħad Alla jgħid: 'Mur ġibhom, kieku kellhom jaraw il-Ġenna tiegħi!' Imbagħad l-anġli jgħidu: 'Huma jitolbu wkoll il-kenn tiegħek.' Alla jgħid: 'Minn xiex iriduni nagħtihom kenn?' L-anġli jwieġbu: 'Min-Nar tiegħek, ja Mulej.' Alla jistaqsihom: 'Dawn raw in-Nar tiegħi?' L-anġli jwieġbu: 'Le.' Alla jgħid: 'Mur ġibhom, kieku kellhom jaraw in-Nar tiegħi!' L-anġli jgħidu wkoll: 'Huma jitolbu l-maħfra tiegħek.' Alla jwieġeb: 'Jiena diġà ħfirtilhom, tajthom dak li talbuni, u tajthom ukoll il-kenn li riedu mingħandi.' Imbagħad l-anġli jgħidu: 'Mulej, kien hemm wieħed fosthom li kien tassew midneb. Huwa kien għaddej fil-qrib u qagħad magħhom

għal xi ħin.' Alla jwieġeb: 'Anki lilu ħfirt. Dik hija l-ġemgħa *(imbierka)* li kull min joqgħod magħha ma jiċċaħħadx mill-barka'." (Muslim)

## L-Imħabba lejn Alla

10. 'Abū al-Dardā' *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal li l-Profeta David *(is-sliem fuqu)* kien jitlob hekk:

"Ja Alla, nitolbok l-imħabba tiegħek, u l-imħabba ta' dawk li jħobbuk. Nitolbok il-ħidma li twassalni għall-imħabba tiegħek. Ja Alla, agħmel li l-imħabba tiegħek tkun egħżeż għalija minni nnifsi, minn niesi, u mill-ilma kiesaħ." (Tirmiḏī)

11. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Hemm tliet affarijiet li fihom il-bniedem isib il-ħlewwa tat-twemmin: li Alla u l-Mibgħut tiegħu jkunu l-egħżeż għalih fuq kull ħaġa oħra, li jħobb lill-bniedem għal Alla, u li jobgħod li jerġa' lura għan-nuqqas ta' twemmin, wara li Alla ħelsu minnu, daqskemm jobgħod li jinxteħet fin-Nar." (Buḫārī)

12. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Kieku min jemmen kellu jkun jaf il-kobor tal-kastig ta' Alla, kieku ħadd ma jittama li jidħol il-Ġenna. U kieku min ma jemminx kellu jkun jaf bil-ħniena bla tarf ta' Alla, kieku ħadd ma kien jaqta' jiesu mill-Ġenna." (Muslim)

13. Wāṯila bin al-'Asqagħ *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* jgħid li Alla l-Imbierek u l-Għoli jgħid:

"Jiena nġib ruħi mal-qaddej tiegħi skont dak li jifhem dwari u dak li jistenna minni. Mela ħa jaħseb dwari dak li jrid."(Buḫārī)

14. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal li Alla l-Qawwi u l-Għoli jgħid:

"'Jiena nġib ruħi mal-qaddej tiegħi skont dak li jifhem dwari u dak li jistenna minni, u Jiena nkun miegħu kull fejn jiftakarni.' Alla jifraħ aktar bl-indiema tal-qaddej tiegħu milli jifraħ xi ħadd minnkom li kieku kellu jitlef il-ġemel tiegħu fid-deżert, imbagħad isibu. Alla jgħid: 'Min joqrob lejja b'xiber, noqrob lejh b'tul ta' driegħ, u min joqrob lejja b'tul ta' driegħ,

noqrob lejh b'tul ta' qama. U jekk jiġi lejja bil-mixi, arani nersaq lejh mgħaġġel'." (Muslim)

15. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Darba waħda kien hemm raġel li kien dineb ħafna kontra tiegħu nnifsu. Meta kien wasal biex imut, qal lil uliedu: 'Meta mmut, aħarquni u isħquni sa ma ġismi jsir trab. Imbagħad xerrduni fir-riħ, fil-baħar. Naħlef fuq Alla li jekk Alla jaqbadni, żgur jagħtini kastig li ma ta lil ħadd ieħor qabel.' Imbagħad il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal li wlied dak ir-raġel għamlu kif qalilhom, iżda Alla ordna lill-art: 'Rodd lura *(il-fdalijiet kollha ta' ġisem dak ir-raġel)* li ħadt!' B'hekk dak ir-raġel inġieb quddiem Alla. Alla staqsieh: 'X'ġiegħlek tagħmel hekk?' Wieġbu: 'Il-biża' kbir minnek ġagħalni nagħmel hekk, ja Mulej.' Għalhekk Alla ħafirlu." (Buẖārī)

# Il-Koran Imqaddes

16. Għuṯmān bin Għaffān *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jgħid li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"L-aħjar wieħed fostkom huwa dak li jitgħallem il-Koran u jgħallmu lill-oħrajn."(Buẖārī)

17. Ibn Għabbās *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jgħid li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Dak li ġewwa fih ma għandu xejn mill-Koran *(għax ma tgħallem xejn minnu)* jixbah lil dar mitluqa." (Tirmiḏī)

18. Żajd bin 'Arqam *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jgħid:

"Jum fost l-oħrajn il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qam biex ikellimna. Huwa faħħar lil Alla u sebbħu, u mbagħad qal hekk: 'Ja nies, jiena bniedem. Dalwaqt jiġi l-mibgħut mingħand Sidi, imbagħad jiena nħalli din id-dinja. Qiegħed inħalli magħkom żewġ affarijiet siewja: l-ewwel, il-Ktieb ta' Alla li fih it-tmexxija tajba u d-dawl. Mela żommu sħiħ mal-Ktieb ta' Alla u oqogħdu fuqu.' B'hekk huwa ħeġġeġ fina l-ġibda lejn il-Ktieb ta' Alla u żied fina x-xewqa għalih. Imbagħad qal: 'Qiegħed inħalli wkoll warajja nies dari.' Imbagħad qal għal tliet darbiet: 'Inwissikom li tiftakru f'Alla fl-imġiba tagħkom ma' nies dari'." (Muslim)

## L-Imġiba mill-Aħjar tal-Mibgħut ta' Alla

19. Għabd Allāh bin 'Abī 'Awfā *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* qal:
"Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* ma kienx jiddejjaq jimxi mar-romol u l-foqra. Huwa kien dejjem ta' għajnuna għalihom it-tnejn." (Musnad Dārmī)

20. Għājxa *(l-għaxqa ta' Alla fuqha)* tgħid:
"Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qatt ma darab b'idu lil ħadd – la mara u lanqas qaddej – minkejja li huwa ġġieled għall-kawża ta' Alla. Meta kien ikun midrub, ma kienx ifittex vendetta. Iżda kull meta xi post qaddis ta' Alla kien ikun imżeblaħ, kien jivvendika ruħu għal Alla, il-Qawwi u l-Għoli." (Muslim)

21. 'Abū Sagħīd al-H̱udrī *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta:
"Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* kien jagħlef l-iġmla *(huwa stess)*. Huwa kien jagħmel ix-xogħlijiet tad-dar, isewwi ż-żraben, iraqqa' l-ilbies, jaħleb in-nagħaġ, jiekol flimkien mal-qaddejja u jitħan *(id-dqiq)* miegħu meta dan jegħja. Huwa ma kienx jistħi jġorr ix-xirja mis-suq sa għand niesu. Huwa kien jieħu b'idejn l-għani u l-fqir, u kien ikun minn tal-ewwel li jsellem. Huwa ma kienx jiddejjaq jilqa' xi stedina, imqar biex jiekol xi tamar. Huwa kellu karattru ħelu u qalb tajba. L-imġiba tiegħu kienet mill-aħjar u kien dejjem b'wiċċ ferrieħi. Huwa kien jitbissem, imma ma kienx jidħak jgħajjat. Lanqas ma kien ikun imqit meta kien ikun imdejjaq. Huwa kien umli, iżda ma kienx jintrema; kien ġeneruż, iżda mingħajr ħela. Kellu qalbu tajba u kien ħanin ma' kull Mislem. Huwa qatt ma kien jiekol sa ma jasal biex jibda jitfewwaq. Huwa qatt ma midd idu b'xeħħa." (Mixkāt)

22. 'Abū Mūsā al-'Axgħarī *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li darba Għājxa *(l-għaxqa ta' Alla fuqha)* uriethom libsa u liżar oħxon, u qalet:
"Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* kien liebes dawn it-tnejn *(meta miet)*."

## Is-Sisien tal-Iżlam

23. Ibn Għumar *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"L-Iżlam huwa mibni fuq ħames kolonni:
1. Ix-xhieda li ma hemmx alla ħlief Alla, u li Muħammad huwa l-Mibgħut ta' Alla.
2. Is-*Salāt*, jiġifieri t-talb stabbilit.
3. L-għoti taż-*żakāt.*
4. Il-*ħaġġ*, jiġifieri l-pellegrinaġġ lejn Dar Alla.
5. Is-sawm matul ix-xahar ta' RamaDān." (Buẖārī)

24. Għumar bin al-H̲attāb *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jgħid:

"Konna bilqiegħda mal-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* u f'daqqa waħda jasal raġel liebes ilbies abjad karti, u xagħru kien iswed tuta. Ma kienx jidher li kien f'safar, u ħadd minna ma kien jafu. Huwa qagħad qrib il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* bi rkupptejh imissu ma' rkupptejn il-Profeta. Huwa qal: 'Ja Muħammad, x'inhu t-twemmin?' Wieġbu: 'Li temmen f'Alla, fl-anġli tiegħu, fil-Kotba tiegħu, fil-Mibgħutin tiegħu, fl-Aħħar Jum u fid-destin, bit-tajjeb u l-ħażin tiegħu'." (Tirmiḏī)

25. Jingħad li darba waħda Għuṯmān bin Għaffān *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* talab l-ilma biex ikun jista' jagħmel il-*wuDū' (jiġifieri l-ħasil ritwali ta' qabel is-Salāt)*. Għal tliet darbiet huwa ferra' l-ilma fuq il-pali t'idejh u ħasilhom, imbagħad daħħal idu l-leminija fil-bieqja tal-ilma u laħlaħ ħalqu u beżaq l-ilma. Wara dan, ħasel wiċċu għal tliet darbiet u anki jdejh, sal-imniekeb, għal tliet darbiet. Imbagħad mesaħ rasu, u wara ħasel riġlejh sal-għekiesi, għal tliet darbiet. Imbagħad qal:

"Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal: 'Min jagħmel il-*wuDū'* bħalma nagħmlu jien, u mbagħad jitlob *rakgħatejn*, mingħajr ma jagħmel xejn differenti minn kif nagħmilhom jiena, jinħafrulu dnubietu tal-imgħoddi'." (Buẖārī)

26. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Jaqaw ma għandix ngħidilkom dwar dak li bih Alla jħassar id-dnubiet, u bih jgħolli l-Mislem f'qagħdiet għolja?" Qalu: "Mela, ja Mibgħut ta' Alla!" Qalilhom: "Li tagħmlu *wuDū'* sewwa, anki jekk ma jkollkomx aptit; li timxu lejn il-moskea minn imkien imbiegħed; u li tistennew is-*Salāt* li jmiss, wara li tkunu temmejtu s-*Salāt*. Dik hija tassew il-qima!"[1]

1 Fit-test oriġinali wieħed isib il-kelma *ribāT*. Din jista' jkollha bosta tifsiriet, fosthom 'fruntieri' u metaforikament 'valur spiritwali'. F'dan il-każ, il-kelma *ribāT* tapplika għall-istituzzjoni tal-qima fl-Iżlam.

27. Għāxja *(l-għaxqa ta' Alla fuqha)* tirrakkonta:

"Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* kien jibda s-*Salāt* bit-*takbīr (jiġifieri jgħid Allāhu Akbar)* u bil-*fātiħa*. Meta kien imil, ma kienx iżomm rasu fil-għoli, u lanqas kien idendilha, imma kien iżommha f'linja dritta ma' dahru, li kien ikun f'qagħda orizzontali. Meta kien jgħolli rasu, kien jieqaf dritt u mbagħad jinxteħet fl-art. Wara dan, kien jerfa' rasu, joqgħod bilqiegħda għal xi ħin, u mbagħad jerġa' jmil għat-tieni darba sal-art. Wara kull *rakgħatejn* kien joqgħod bilqiegħda biex jgħid it-*taħiyya*. F'din il-qagħda, siequ l-leminija kienet tkun f'qagħda wieqfa, filwaqt li siequ x-xellugija kienet isserraħ mimduda fl-art. Huwa ma kienx irid li min jitlob iserraħ l-imniekeb mal-art waqt li tinxteħtu fl-art, bħalma jagħmlu l-klieb. Huwa ma kienx irid li r-riġlejn ikunu mimduda, bħalma jagħmel ix-xitan. Huwa kien itemm is-*Salāt* bil-kliem: 'Is-sliem u l-ħniena ta' Alla jkunu magħkom'." (Musnad 'Aħmad)

28. Għabd Allāh bin Masgħūd *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jgħid:

"Staqsejt lill-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* liema huwa l-għemil li l-aktar jogħġob lil Alla l-Għoli. Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* wieġeb: 'Li tagħmel is-*Salāt* f'waqthom.'

Erġajt staqsejtu: 'Imbagħad liema?'

Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* wieġeb: 'Li turi ħniena mal-ġenituri.'

Erġajt staqsejtu: 'Imbagħad liema?'

Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* wieġeb: 'Li tħabrek fit-triq ta' Alla'." (Buẖārī)

29. Għamr bin Xugħajb *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* sema' mingħand missieru li kien sema' lil nannuh li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* kien qal:

"Wissu lil uliedkom biex jagħmlu s-*Salāt* meta jagħlqu seba' snin. Meta jagħlqu għaxra, jeħtieġ tkunu ibsin magħhom dwar dan. U ara li traqqduhom f'sodod għalihom." ('Abū Dāwūd)

30. FāTima ż-Żahrā' *(l-għaxqa ta' Alla fuqha)* qalet:

"Meta l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* kien jidħol fil-moskea, huwa kien jgħid hekk: 'F'Isem Alla, u s-sliem fuq il-Mibgħut ta' Alla. Ja Alla, aħfirli dnubieti, u iftaħli bwieb il-ħniena tiegħek.'

Meta joħroġ mill-moskea kien jgħid hekk: 'F'Isem Alla, u s-sliem fuq il-Mibgħut ta' Alla. Ja Alla, aħfirli dnubieti, u iftaħli bwieb il-grazzja tiegħek'." (Masnad 'Aħmad)

## Is-Sawm

31. ‘Abū Hurajra *(l-għaxqa ta’ Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

“Alla l-Qawwi u l-Għoli jgħid: ‘Kull għemil tal-bniedem huwa għalih innifsu, ħlief is-sawm. Għax is-sawm huwa għalija, u Jiena nagħti l-ħlas tiegħu.’ Is-sawm huwa ħarsien kontra l-ħażen. Meta xi ħadd minnkom ikun sajjem, la għandu jpaċpaċ fil-vojt u lanqas jgħolli leħnu. Jekk xi ħadd jonqos lejn is-sajjem, jew jitqatel miegħu, is-sajjem jeħtieġlu biss jgħid: ‘Jiena sajjem.’ Dak *(Alla)* li f’idejh għandu ruħ Muħammad *(jixhed)*: Ir-riħa tinten minn fomm is-sajjem hija itjeb, għal Alla, minn riħet il-misk *(għamla ta’ fwieħa)*. Is-sajjem jifraħ żewġ ferħiet: jifraħ meta joftor, għax temm is-sawma, u jifraħ bis-sawm tiegħu meta jiltaqa’ ma‘ Sidu.” (Buẖārī)

32. ‘Abū Hurajra *(l-għaxqa ta’ Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

“Alla m’għandux bżonn is-sawm ta’ xi ħadd li ma jridx jieqaf mill-gideb u mill-azzjonijiet qarrieqa.” (Buẖārī)

33. Għājxa *(l-għaxqa ta’ Alla fuqha)* tirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* kien jibqa’ ġewwa l-moskea *(għemil li bl-Għarbi jissejjaħ “igħtikāf”)* matul l-aħħar għaxart ijiem ta’ RamaDān. Wara mewtu, in-nisa tiegħu baqgħu jagħmlu *(dan l-“igħtikāf”)* bħalu. (Buẖārī)

## Il-*Ħaġġ* (il-pellegrinaġġ)

34. ‘Abū Hurajra *(l-għaxqa ta’ Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)*, waqt li kien qed jippriedka, qal:

“’Ja nies! Alla obbligakom tagħmlu l-*ħaġġ (jiġifieri l-pellegrinaġġ)*. Mela agħmluh!’ Wieħed raġel qal: ‘Kull sena, ja Mibgħut ta’ Alla?’ Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* baqa’ sieket, u dak ir-raġel staqsa l-mistoqsija tliet darbiet. Imbagħad il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal: ‘Kieku ngħid iva, kieku l-*ħaġġ* isir obbligatorju kull sena, u dan ma tkunux tistgħu tagħmluh.’ Imbagħad qal: ‘La tistaqsux dwar ħwejjeġ li jiena ma nkunx għedtilkom dwarhom. Dawk ta’ qabilkom inqerdu għaliex kienu jistaqsu wisq, u ma obdewx lill-profeti. Meta ngħidilkom tagħmlu xi ħaġa, għandkom tagħmluha bl-aħjar mod li tistgħu. U jekk nipprojbilkom li tagħmlu xi ħaġa, għandkom titilquha *(u ma tagħmluhiex)*’.” (Muslim)

35. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Min jagħmel il-ħaġġ, għal Alla, u ma jpaċpaċx fil-vojt u lanqas jidneb, jerġa' jsir bħalma kien fil-jum meta wellditu ommu." (Mixkāt)

## Iż-*Żakāt* (nefqa għal Alla)

36. Mugħā<u>d</u> *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta:

"Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* bagħat għalija u qalli: 'Int se tiltaqa' ma' wħud minn Nies il-Ktieb. Sejħilhom ħalli jixhdu li ma hemmx alla ħlief Alla, u li jiena l-Mibgħut ta' Alla. Jekk huma jobduk f'dan, għarrafhom li Alla jrid l-obbligu tas-*Salāt* ħames darbiet f'kull jum u lejla. Jekk huma jobduk f'dan, għarrafhom li Alla għamel obbligatorju l-karità li tittieħed mill-għonja tagħhom u tingħata lill-foqra tagħhom. Jekk huma jobduk f'dan, ma għandekx tieħu minnhom l-aħjar ġid li għandhom. U ħu ħsieb is-sejħa ta' dak li bata l-inġustizzja, għaliex ma hemm xejn xi jżomm bejn dik is-sejħa u Alla'."(Bu<u>h</u>ārī)

37. <u>H</u>użajm bin Fātik *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Min jonfoq xi nefqa għal Alla, jinkitiblu *(ħlas ta')* seba' mitt darba aktar." (Tirmi<u>d</u>ī)

38. 'Anas *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li 'Abū Talħa *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* kien l-aktar bniedem għani fost l-*AnSār* ta' al-Madīna.[2] Il-ġid tiegħu kien ġej mill-ġonna tat-tamar. Bajruħā' kien l-aktar ġnien għażiż għalih u kien jinsab faċċata tal-moskea tal-Profeta. Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* kien jidħol f'dak il-ġnien u jixrob mill-ilma tajjeb li kien jinsab fih. 'Anas jgħid:

"Meta ġie rivelat il-vers, *M'intomx se tiksbu t-tjieba qabel ma tonfqu (għall-karità) minn dak li tħobbu*, ġie 'Abū Talħa *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* għand il-Mibgħut ta' Alla *(is-sliem fuqu)* u qal: 'Ja Mibgħut ta' Alla, Alla l-Għoli niżżillek il-vers, *M'intomx se tiksbu t-tjieba qabel ma tonfqu (għall-karità) minn dak li tħobbu.* Tabilħaqq li l-egħżeż ħaġa għalija hija l-ġnien ta' Bajruħā'. Jiena se nagħti dan il-ġnien f'karità, għal Alla l-Għoli. Nittama li nikseb it-tjieba minn dan l-għemil u li Alla l-Għoli jerfagħli dan l-għemil (fil-Ħajja l-Oħra). Għalhekk, ja Mibgħut ta' Alla, agħmel minn dan il-ġnien dak li trid, skont ma jurik Alla.' Il-Mibgħut ta' Alla *(is-sliem fuqu)* qal:

2 L-*AnSār* kienu n-nies mill-belt ta' al-Madīna li ħaddnu l-Iżlam qabel il-wasla tal-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* f'dik il-belt.

‘Tajjeb ħafna. Dan ġid li jġib il-qligħ. Huwa ġid li jġib il-qligħ. Jiena smajt dak li għedt, imma naħseb li aħjar tgħaddi l-ġnien lil qrabatek.’ ‘Abū Talħa *(l-għaxqa ta’ Alla fuqu)* qal: ‘Nagħmel hekk, mela, ja Mibgħut ta’ Alla.’ U ‘Abū Talħa qassam dak il-ġnien bejn qrabatu, u bejn ulied ħu missieru.” (Buẖārī)

39. Għadiji bin Hātim *(l-għaxqa ta’ Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

“Ibżgħu min-Nar ta’ dejjem u żommu ’l bogħod minnu billi tagħtu mqar biċċa tamra f’karità.”(Buẖārī)

40. Għājxa *(l-għaxqa ta’ Alla fuqha)* tirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* stqarr:

“Il-bniedem ġeneruż huwa qrib ta’ Alla l-Għoli, qrib tan-nies, qrib tal-Ġenna u mbiegħed min-Nar. Ix-xħiħ huwa mbiegħed minn Alla, imbiegħed min-nies, imbiegħed mill-Ġenna, u qrib tan-Nar. Il-bniedem bla tagħlim li huwa ġeneruż huwa egħżeż għal Alla minn dak li jqim lil Alla iżda huwa xħiħ.” (Quxajrija)

41. ‘Abū Hurajra *(l-għaxqa ta’ Alla fuqu)* jirrakkonta li xi ħadd staqsa lill-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)*:

“Ja Mibgħut ta’ Alla, liema hija l-karità li ġġib l-akbar ħlas?” Wieġeb *(il-Mibgħut ta’ Alla)*: “Li tagħti l-karità meta tkun b’saħħtek, meta tkun tibża’ mill-faqar u tkun tixtieq l-għana. Ma għandekx toqgħod tistenna li ħajtek tasal fl-aħħar u mbagħad tgħid: ‘Dan għat-tali,’ u ‘Dan għall-ieħor’.” (Mixkāt)

## L-Għemil it-Tajjeb u mhux il-Ħażin

42. Huḏajfa *(l-għaxqa ta’ Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

“Fuq Dak li jżomm ħajti f’idejh, jeħtieġ tħeġġu *(lin-nies)* jagħmlu t-tajjeb u ma tħalluhomx jagħmlu l-ħażin, għaliex inkella aktarx li Alla jibagħtilkom kastig mingħandu. Imbagħad, arakom issejħulu u tibqgħu mingħajr tweġiba.” (Tirmiḏī)

43. Nugħmān bin Baxīr *(l-għaxqa ta’ Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

“Dawk li jżommu mal-limiti ta’ Alla u dawk li jiksru dawn il-limiti huma bħal nies li qatgħu x-xorti biex jaraw kif se joqogħdu f’dgħajsa. Uħud

minnhom messithom in-naħa ta' fuq tad-dgħajsa, filwaqt li oħrajn messithom in-naħa t'isfel. Kull darba li dawk t'isfel iridu jixorbu, ikollhom jgħaddu minn ħdejn dawk ta' fuqhom. Għalhekk jgħidu: 'Jekk intaqqbu toqba fin-naħa tagħna tad-dgħajsa, ma ndejqux lil ta' fuqna.' Jekk *(dawk ta' fuqhom)* iħalluhom jagħmlu dan, jintilfu lkoll, filwaqt li jekk iżommuhom, kulħadd jeħles mill-għarqa." (Buḫārī)

## Is-Sejħa biex il-Bniedem idur lejn Alla

44. Sahl bin Sagħd *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal lil Għalī *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)*:

"Fuq Alla! Jekk Alla, bis-saħħa tiegħek, juri t-triq it-tajba lil raġel wieħed, dan ikun aħjar għalik mill-iġmla l-ħomor *(li jġibu prezz kbir)*." (Muslim)

45. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Min isejjaħ lil ħaddieħor lejn it-triq it-tajba, il-ħlas tiegħu jkun daqs il-ħlas ta' dawk li jimxu fuq is-sejħa tiegħu, filwaqt li xejn ma jitnaqqas mill-ħlas tagħhom. Iżda min isejjaħ għat-telfien, id-dnub tiegħu jkun daqs id-dnub ta' dawk li jimxu fuq is-sejħa tiegħu, filwaqt li xejn ma jitnaqqas mid-dnub tagħhom." (Muslim)

46. 'Anas *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Agħmlu r-reliġjon ħafifa ħalli n-nies isegwuha; u la ttaqqluhiex. Xandru r-reliġjon b'mod xieraq, u mhux b'mod li tnaffru lin-nies minnha." (Muslim)

## Obbligazzjonijiet u Projbizzjonijiet

47. 'Abū Ṯagħlaba l-Ḫuxanī Ġurṯūm bin Nāxir *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Tabilħaqq li Alla l-Għoli qiegħed ċerti obbligi. Araw li ma tittraskurawhomx! Huwa għamel ċerti limiti. Araw li ma taqbżuhomx! Huwa pprojbixxa xi affarijiet. Araw li ma tersqux lejhom! Huwa siket dwar ċerti ħwejjeġ, għaliex ħenn għalikom, mhux għaliex nesiehom. Mela toqogħdux tistaqsu dwarhom!" (Dār QuTnī)

48. Nugħmān bin Baxīr *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* stqarr li sema' lill-Qaddis

Profeta *(is-sliem fuqu)* jgħid:

“Dak li huwa permess huwa magħruf, u dak li mhux permess huwa wkoll magħruf. Bejn dawn it-tnejn hemm ħwejjeġ dubjużi u li ħafna nies ma jafuhomx. Minn iżomm ’il bogħod minnhom, ikun qiegħed iħares ir-reliġjon tiegħu u l-ġieħ. Min jaqa’ fil-ħwejjeġ dubjużi, aktarx ikun waqa’ f’dak li mhux permess. Huwa bħal ragħaj li jħalli l-merħla tiegħu tirgħa madwar imkejjen projbiti, bil-periklu li jispiċċaw jidħlu fihom. Ftakru li kull sultan għandu żona projbita. Iż-żona projbita ta’ Alla tiġbor fiha l-ħwejjeġ li Huwa pprojbixxa. Oqogħdu attenti, għaliex fil-ġisem hemm organu li, jekk ikun b’saħħtu, ikun b’saħħtu l-ġisem kollu u, jekk jimrad, jimrad il-ġisem kollu. Dan l-organu huwa l-qalb!” (Muslim)

## Iż-Żwieġ

49. ‘Abū Hurajra *(l-għaxqa ta’ Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

“Wieħed jiżżewweġ mara għal erba’ raġuni: għal flusha, għall-familja tagħha, għal ġmielha u għall-onestà tagħha. Mela agħti l-preferenza tiegħek lil dik li hija onesta, u kun dejjem umli!” (Buẖārī)

50. ‘Abū Hurajra *(l-għaxqa ta’ Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

“L-agħar festa ta’ tieġ hija dik li għaliha jkunu mistednin l-għonja, u jitħallew barra l-foqra. Min ma jilqax l-istedina minn persuna umli minħabba s-suppervja tiegħu jkun qed joħodha kontra Alla u l-Mibgħut tiegħu.” (Muslim)

51. Għumar *(l-għaxqa ta’ Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

“L-aktar ħaġa permessa li Alla l-Qawwi u l-Għoli jobgħod hija d-divorzju.” (‘Abū Dāwūd)

52. Għājxa *(l-għaxqa ta’ Alla fuqha)* tirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

“L-aħjar fostkom huwa dak li huwa l-aħjar għal niesu; u jiena l-aħjar fost dawk li huma l-aħjar għal nieshom.” (‘Abū Dāwūd)

53. Ġābir *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Dawk minnkom li l-aktar inħobb, u li jkunu l-eqreb tiegħi f'Jum il-Qawmien, huma dawk ta' mġiba tajba. U dawk minnkom li l-aktar nobgħod, u li jkunu l-aktar imbegħdin minni f'Jum il-Qawmien, huma dawk li jqasqsu fuq ħaddieħor, li kliemhom mimli ftaħir u l-*mutafajħiqin.*" Qalulu: "Aħna nafu dawk li jqasqsu fuq ħaddieħor, li kliemhom mimli ftaħir. Iżda min huma l-*mutafajħiqin*?" Il-Profeta wieġeb: "Huma dawk li jitkabbru." (Tirmiḏī)

54. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Jiena ntbagħatt biex inwassal għall-perfezzjoni l-aqwa għemejjel u mġiba tajba." (Al-Sunan al-Kubrā)

55. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Kull min iserraħ lil xi bniedem li jemmen minn xi saram ta' din id-dinja, Alla jserrħu minn xi saram ta' Jum il-Qawmien. U min jgħin lil xi ħadd fil-bżonn, Alla jgħinu f'din id-dinja u fl-Oħra. U min jostor xi nuqqas ta' wieħed Musulman, Alla jostru f'din id-dinja u fl-Oħra. Alla jgħin lill-qaddej li jgħin lil ħuh. U min jaqbad it-triq tal-għerf, Alla jħaffiflu t-triq li twassal għall-Ġenna. Kull meta xi ġemgħa ta' nies tinġabar f'waħda mid-djar ta' Alla biex taqra l-Ktieb u dawn jgħallmuh lil xulxin, jinżel fuqhom ir-rahan tas-sliem, tgħattihom il-ħniena, l-anġli jduru magħhom, u Alla jsemmihom ma' dawk li jinsabu għandu. Min jibqa' lura minħabba l-għemil ħażin tiegħu, ma jkunlu ta' ebda siwi l-isem tajjeb tal-familja tiegħu." (Muslim)

56. 'Abū Hurajra *l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Alla, il-Qawwi u l-Għoli, f'Jum il-Qawmien, jgħid: 'Ja Bniedem, Jiena mradt, u int ma staqsejtx għalija biex tara kif Jien.' Huwa jgħid: 'Kif nistaqsi għalik biex nara kif Int, meta Int Sid il-ħolqien?' Alla jgħidlu: 'Mela ma kontx taf li t-tali qaddej tiegħi kien marid, u int ma staqsejtx għalih? Mela ma tafx li kieku staqsejt dwar saħħtu, kont issibni għandu? Ja Bniedem, tlabtek titmagħni, u ma tmajtnix.' Huwa jgħid: 'Kif nitimgħek, meta Int Sid il-ħolqien?' Alla jgħidlu: 'Mela ma tafx li t-tali qaddej tiegħi

talbek titimgħu, u int ma tmajtux. Mela ma tafx li kieku tmajtu, kont issib il-ħlas ta' dan l-għemil għandi? Ja Bniedem, tlabtek tisqini, u ma sqejtnix.' Huwa jgħid: 'Kif nisqik, meta Int Sid il-ħolqien?' Alla jgħid: 'It-tali qaddej tiegħi talbek tisqih, u ma sqejtux. Mela ma tafx li kieku sqejtu, kont issib il-ħlas ta' dan l-għemil għandi?'" (Muslim)

57. Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:
"Ma tistgħux tgħinu lin-nies bil-flus tagħkom biss. Mela għinuhom b'wiċċ ferrieħ u bi mġiba tajba." (Risāla Quxarija)

## Is-Soċjetà Misilma

58. 'Anas *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:
"Ħadd minnkom ma jemmen, jekk ma jixtieqx lil ħuh dak li jixtieq lilu nnifsu." (Buḫārī)

59. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* stqarr li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:
"'Abū Hurajra, kun ġust, u tkun l-aħjar fost dawk li jqimu. Kun kuntent b'li għandek, u b'hekk tkun l-aħjar fost dawk li jiżżu ħajr. Ara li tixtieq għal ħaddieħor dak li tixtieq għalik innifsek, u b'hekk tkun tassew temmen. Ġib ruħek tajjeb ma' ġarek, u b'hekk tkun tassew Mislem. Naqqas id-daħk, għaliex ħafna daħk joqtol lill-qalb." (Ibn Māġa)

60. 'Abū Jūsuf Għabd Allāh bin Salām *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta:
"Smajt lill-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* jgħid: 'Ja nies, għidu: *As-salāmu għalajkum*! Itimgħu lil ħaddieħor! Ftakru fid-dmirijiet tagħkom lejn qrabatkom! Itolbu *(lil Alla)* waqt li n-nies reqdin! Wettqu dan u tidħlu l-Ġenna bis-sliem'." (Tirmiḏī)

61. Ibn Masgħūd *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:
"Meta tkunu tlieta flimkien, tnejn minnkom ma għandhomx jitkellmu bejniethom u jħallu t-tielet barra, għax dan isewwidlu qalbu, ħlief jekk jingħaqdu magħkom nies oħra." (Muslim)

62. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta:
"Meta l-Mibgħut ta' Alla *(is-sliem fuqu)* kien jagħtas, kien iqiegħed idu,

jew il-libsa tiegħu, quddiem fommu biex inaqqas il-ħoss tal-għatsa." Jista' jkun li min irrakkonta dan il-kliem seta' uża kelma oħra minflok *inaqqas*, imma t-tifsira hija l-istess. (Tirmiḏī)

## Gratitudni lejn in-Nies

63. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Min ma jiżżix ħajr lin-nies, ma jiżżix ħajr lil Alla." (Tirmiḏī)

## Mġiba Tajba mal-Ġenituri

64. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta:

"Resaq raġel lejn il-Mibgħut ta' Alla *(is-sliem fuqu)* u qal: 'Ja Mibgħut ta' Alla, min fost in-nies li jistħoqqlu l-aktar li jissieħeb miegħi?' Qal: 'Ommok.' Ir-raġel qal: 'Imbagħad min?' Qal *(il-Profeta)*: 'Ommok.' Ir-raġel reġa' staqsieh: 'Imbagħad min?' Qal *(il-Profeta)*: 'Ommok.' U reġa' staqsieh: 'Imbagad min?' Wieġbu *(il-Profeta)*: 'Missierek.' U f'rakkont ieħor: 'Ja Mibgħut ta' Alla, ma' min l-aħjar li wieħed jissieħeb?' Wieġeb *(il-Profeta)*: 'Ommok, imbagħad ommok, imbagħad ommok, imbagħad missierek, imbagħad l-eqreb fost il-qraba tiegħek'." (Buẖārī)

65. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Jitkażbar, jitkażbar u jitkażbar min jgħix biżżejjed li jara x-xjuħija ta' ommu jew ta' missieru, jew tagħhom it-tnejn, u ma jidħolx il-Ġenna *(għaliex ma jkunx dar bihom)*." (Muslim)

## Relazzjonijiet Tajbin mal-Ġirien

66. Ibn Għumar u Għājxa *(l-għaxqa ta' Alla fuqhom)* qalu li l-Qaddis Profeta ta' Alla *(is-sliem fuqu)* qal:

"Gabrijel baqa' jħeġġiġni dwar il-jeddijiet tal-ġirien, hekk li ħsibt li se jagħtihom il-jedd li jirtu." (Buẖārī)

67. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Kull min jemmen f'Alla u f'Jum il-Ħaqq, ma għandux iweġġa' lil ġaru, u kull min jemmen f'Alla u f'Jum il-Ħaqq, għandu jagħti ġieħ u jkun ġeneruż

mal-mistiedna tiegħu, u kull min jemmen f'Alla u f'Jum il-Ħaqq, għandu jgħid biss dak li hu tajjeb, inkella jiskot." (Buḫārī)

68. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Nixhed f'isem Alla: Huwa ma jemminx. Nixhed f'isem Alla: Huwa ma jemminx. Nixhed f'isem Alla: Huwa ma jemminx!" Staqsewh: "Min?" Qalilhom: "Dak li ġaru mhux imħares mill-ħażen tiegħu." (Buḫārī)

## Dħulija mad-Dgħajfin

69. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Ħafna huma dawk b'xagħar imqanfed u mimli għabra, hekk li l-bibien jinżammu magħluqa f'wiċċhom. Dawn *(ukoll huma qrib ta' Alla)* jekk jaħilfu b'Alla, il-kelma tagħhom isseħħ." (Muslim)

70. 'Abū Darda *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li sema' l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* jgħid:

"Fittxuni qalb id-dgħajfin tagħkom. Tabilħaqq li intom issibu l-għajxien u l-għajnuna tagħkom fid-dgħajfin tagħkom." (Tirmiḏī)

## Il-Maħfra

71. Mugħāḏ bin 'Anas *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"L-akbar virtù hija li titħabbeb ma' min qata' r-relazzjoni miegħek, u li tagħti lil min ma riedx jagħtik, u taħfer lil min għajrek." (Masnad Aħmad)

72. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Il-karità ma tnaqqasx il-flus. Alla jagħti ġieħ lil dak li jaħfer id-deni li jsir miegħu, u ma jitkabbarx ma' min jagħmillu ħsara." (Musnad Aħmad)

## Mġiba Tajba mal-Mejda

73. Għājxa *(l-għaxqa ta' Alla fuqha)* tirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Meta xi ħadd minnkom jibda jiekol, għandu jsemmi Isem Alla l-Għoli.

Jekk jinsa jsemmi Isem Alla l-Għoli fil-bidu tal-ikla, għandu jgħid: '*B'ismi llāhi 'awwalahu w-'āhirahu*' *(jiġifieri)* F'Isem Alla nibda u nispiċċa *(dan l-ikel)*." (Tirmidī)

74. 'Abū Sagħīd *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li kull meta l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* kien jiekol jew jixrob, huwa kien jgħid:
"Tifħir lil Alla li temagħna u sqiena, u għamilna Misilmin." (Tirmidī)

## L-Ilbies

75. Hudajfa *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta:
"Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* ma ridniex nilbsu l-ħarir u l-imbrukkat, u lanqas nixorbu minn tazez tad-deheb u l-fidda. Huwa kien jgħid: 'Dawn il-ħwejjeġ huma tagħhom *(ta' dawk li ma jemmnux)* f'din id-dinja, u huma tagħkom *(il-Misilmin u se ssibuhom)* fid-Dinja l-Oħra'." (Muslim)

76. 'Abū Sagħīd al-Hudrī *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li meta l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* kien jilbes libsa ġdida, l-ewwel kien jgħid x'għamla ta' libsa kienet – ngħidu aħna, turban, qmis jew libsa – imbagħad kien jitlob hekk:
"Ja Alla, tiegħek it-tifħir! Int tajtni dan l-ilbies biex nilbsu. Nitlob minnek il-fejda li ġejja minnu, u l-fejda li għaliha sar. Nitlob il-ħarsien tiegħek minn xi ħsara li dan l-ilbies jista' jkun fih, u minn kull għan ħażin li għalih sar." (Tirmidī)

## L-Indafa

77. 'Abū Mālik al-'Axgħarī *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:
"L-indafa nofs it-twemmin." (Muslim)

78. Għājxa *(l-għaxqa ta' Alla fuqha)* tirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:
"It-tindif tas-snien inaddaf il-fomm, u jogħġob lill-Mulej." (Nisā'ī)

## L-Għira

79. Għabd Allāh bin Għumar *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jgħid li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

“La tgħirux għal xulxin! La tgħollux il-prezzijiet! La tobogħdux lil xulxin! Tagħtux daharkom lil xulxin! Tagħmilx l-offerta tiegħek waqt li żewġ naħat għaddejjin jinnegozjaw! Kunu tabilħaqq qaddejja ta’ Alla, billi tkunu tabilħaqq aħwa!”
“Il-Mislem huwa ħu l-Mislem. La jonqos lejh, la jistmerru, u lanqas jitilqu waħdu.”
“F’dan tinsab il-biża’ ta’ Alla,” qal il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)*, u għal tliet darbiet għamel sinjal lejn sidru, imbagħad qal: “Huwa biżżejjed ħażen li bniedem jistmerr lil ħuh il-Mislem. Demm il-Muslim, flusu u ġieħu huma projbiti għal Mislem ieħor.”

80. ‘Abū Hurajra *(l-għaxqa ta’ Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:
“Oqogħdu attenti mill-għira, għax din tiekol l-għemejjel tajba, bħalma n-nar iġib fix-xejn l-injam u l-ħaxix.” (‘Abū Dāwūd)

## Il-Kburija

81. Għabd Allāh bin Masgħūd (*l-għaxqa ta’ Alla fuqu)* jgħid li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:
“Ma jidħolx il-Ġenna min f’qalbu għandu b’toqol ta’ atomu kburija. Wieħed raġel qal: ‘Ir-raġel iħobb li l-libsa tiegħu tkun sabiħa u ż-żarbun sabiħ.’ Qallu l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)*: ‘Alla huwa ġmiel, u jħobb il-ġmiel. Il-kburija hija ċ-ċaħda tal-verità, u li tistmerr lin-nies’.” (Muslim)

82. Għabd Allāh (*l-għaxqa ta’ Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:
“Jeħtieġ li żżommu mas-sewwa; għaliex is-sewwa jwassal għall-virtù, u l-virtù twassal għall-Ġenna. Meta bniedem jgħid is-sewwa u jibqa’ fis-sewwa, huwa jkun miktub għand Alla bħala bniedem sewwa. Araw li ma tigdbux, għaliex il-gideb iwassal għall-vizzju, u l-vizzju jwassal għan-Nar. Meta bniedem jigdeb u jibqa’ fil-gideb, huwa jkun miktub għand Alla bħala bniedem giddieb.” (Muslim)

83. ‘Abū Bakra *(l-għaxqa ta’ Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:
“’Jaqaw ma għandix ngħarrafkom dwar l-akbar dnubiet?’ Aħna għedna: ‘Mela, ja Mibgħut ta’ Alla!’ Huwa qal: ‘Li xxierek lil ħaddieħor ma’ Alla, u li ma toqgħodx għall-ġenituri.’ Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* kien

mimdud, imbagħad qagħad bilqiegħda u qal: 'Araw li ma titkellmux falz!' U baqa' jtenni dan il-kliem sa ma għedna: 'Mhux li jiskot!'" (Bu<u>h</u>ārī)

## Il-Waqgħa tal-Iżlam

84. Għabd Allāh bin Għamr *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Tabilħaqq għad jiġri lill-poplu tiegħi dak li ġara lil ulied Iżrael – l-istess, bħalma żarbuna tixbah liż-żarbuna tal-istess par. Jekk kien hemm fosthom *(il-Lhud)* min kellu x'jaqsam ma' ommu bil-miftuħ, se jkun hemm xi ħadd mill-poplu tiegħi li jagħmel l-istess. Tabilħaqq li wlied Iżrael inqasmu fi tnejn u sebgħin setta, iżda l-poplu tiegħi jinqasam fi tlieta u sebgħin setta – kollha jsibu ruħhom fin-Nar, ħlief waħda." Sħabu qalulu: "Liema hija, ja Mibgħut ta' Alla?" Qal: "Ta' dawk li jimxu fit-triq tiegħi u ta' sħabi." (Tirmi<u>d</u>ī)

85. Għalī *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Dalwaqt in-nies jiġihom żmien meta xejn ma jibqa' mill-Iżlam, għajr ismu, u xejn ma jibqa' mill-Koran, għajr il-kitba tiegħu. Il-moskej tagħhom jimtlew bin-nies, iżda huma ħerba fejn tidħol it-tmexxija tajba. L-istudjużi reliġjużi tagħhom ikunu l-agħar ħlejjaq taħt is-saqaf tas-sema. Tnassis qarrieq joħroġ minnhom, u fihom jerġa' lura." (Mixkāt)

## Il-Miġja tal-Imām Mahdī

86. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta:

"Konna bilqiegħda mal-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* meta niżlet fuqu Suret il-Ġimgħa *(sura numru 62)*. Meta qal il-vers *(numru 3)*: "*wa-'ā<u>h</u>arīna minhum lammā jalħaqū bihim,*" jiġifieri "*(U Alla bagħat lill-Mibgħut għal nies)* oħrajn minnhom li kienu għadhom ma laħquhomx *(lill-Misilmin ta' żmien Muħammed, għaliex daħlu fl-Iżlam fis-sekli wara l-missjoni tal-Profeta) ...*"[3] Wieħed raġel staqsa: "Min huma, ja Mibgħut ta' Alla?" Il-

3 Din tagħmel parti minn vers li jsemmi l-ewwel miġja tal-Profeta Qaddis *(is-sliem fuqu)*, u warajha hemm referenza għal ġrajjiet fil-ġejjieni meta, fl-aħħar żminijiet ukoll, xi nies jilħqu l-livell tal-ewwel segwaċi tal-Profeta Qaddis *(is-sliem fuqu)*. Jidher li din titkellem dwar it-tieni miġja tal-Profeta Qaddis *(is-sliem fuqu)* fl-aħħar żminijiet, għaliex din il-klawsola hija marbuta mal-verb ewlieni użat qabel u li jirreferi għall-ewwel miġja tal-Profeta Qaddis *(is-sliem fuqu)*.

Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* ma tax kas. Dak tenna l-mistoqsija għal darbtejn, jew tliet darbiet. Dak il-ħin Salmān il-Persjan ukoll kien qiegħed magħna. Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qiegħed idu fuqu u qal: "Kieku t-twemmin kellu jitla' sal-kwiekeb *(u jgħosfor għalkollox mid-dinja)*, ikun baqa' xi nies mill-poplu tiegħu li jrodd it-twemmin fuq l-art."[4] (Buhārī)

87. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Fuq Dak li ruħi tinsab f'idu, dalwaqt jinżel fostkom Iben Marija – imħallef ġust. Huwa jikser is-salib, joqtol il-ħanżir, iwaqqaf il-gwerra *(f'ġieħ ir-reliġjon, bi tmexxija divina)*, u jqassam il-ġid, iżda ħadd ma jaċċettah. *(F'dawk iż-żminijiet)* li wieħed jinxteħet minn tulu fl-art, għal darba, b'qima lejn Alla, ikun aħjar mid-dinja *(kollha)*."[5] Imbagħad 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jgħid: "Jekk tridu, aqraw *(il-vers numru 159 minn Suret In-Nisa)*: "*wa-in min 'ahli l-kitābi illā ju'minanna bihi qabla mawtihi. Wa-jawma l-qijāmati yakūnu għalajhim xahīdan*," jiġifieri: "U ma hemm ħadd minn Nies il-Ktieb li ma huwiex se jemmen fih *(f'Ġesù)* qabel mewtu, u f'Jum il-Qawmien se jkun xhud kontrihom." (Buhārī)

88. "Araw li ma jkun hemm la profeta u lanqas mibgħut bejn Ġesù bin Marija u bejni. Ftakru li huwa se jkun il-Kalif tiegħi għall-poplu tiegħi, warajja. Ftakru li huwa se joqtol lill-Antikrist, jikser is-salib, ineħħi l-*ġiżja*,[6] u tieqaf il-gwerra. Ftakru: min jiltaqa' miegħu, isellili għalih." (Tabrānī)

89. 'Anas *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Min, fostkom, jiltaqa' ma' Ġesù bin Marija, għandu jsellili għalih." (Darmantūr)

90. Tawbān *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Meta ssibu lill-Mahdī, uruh l-alleanza tagħkom. *(Morru għandu)* imqar jekk, għarkupptejkom, *(ikollkom taqsmu muntanji miksija)* silġ, għaliex huwa l-Kalif ta' Alla, il-Mahdī." (Ibn Māġa)

---

4 F'verżjoni oħra jissemma "wieħed raġel" minflok "xi nies".

5 Din hija l-opinjoni ta' 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* u mhux kliem il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)*.

6 Il-*ġiżja* kienet it-taxxa mħallsa minn ġnus maħkuma.

91. 'Abū Hurajra *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"F'liema qagħda *(kerha)* se tkunu meta Iben Marija jinżel fostkom u jkun l-Imām tagħkom, minn fostkom?" U f'verżjoni oħra: "Huwa jmexxikom, minn fostkom."

92. Muħammad bin Għalī *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li l-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* qal:

"Għall-Mahdī tagħna jkun hemm żewġ sinjali *(ta' verità)* li qatt ma dehru minn mindu nħalqu s-smewwiet u l-art. Ikun hemm eklissi tal-qamar fl-ewwel lejla mill-iljieli *(tal-eklissi)* ta' xahar RamaDān,[7] u jkun hemm eklissi tax-xemx fil-jum tan-nofs mill-jiem *(tal-eklissi)* ta' dan ix-xahar. *(Dawn iż-żewġ eklissi jseħħu fl-istess xahar ta' RamaDān).* Dawn iż-żewġ sinjali qatt ma dehru minn mindu Alla ħalaq is-smewwiet u l-art." (Sunan Dār QuTnī).

93. Sulajmān bin Għamr bin al-'AħwaS *(l-għaxqa ta' Alla fuqu)* jirrakkonta li missieru qallu li kien ra l-aħħar pellegrinaġġ tal-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)*:

"Il-Qaddis Profeta *(is-sliem fuqu)* faħħar u sebbaħ lil Alla, wissa lil dawk miġburin quddiemu u staqsiehom: 'Liema hu l-aktar jum qaddis? Liema hu l-aktar jum qaddis? Liema hu l-aktar jum qaddis?' In-nies wieġbu: 'Jum l-akbar pellegrinaġġ, ja Mibgħut ta' Alla.' Il-Profeta qal: 'Mela ftakru li ħajjitkom, il-ġid tagħkom u l-ġieħ tagħkom għandhom l-istess qdusija li għandu dan il-jum, din il-belt u dan ix-xahar. Hadd ma għandu jagħti kont jekk mhux ta' għemilu. Missier ma jkunx responsabbli għal għemil ibnu, u iben ma jkunx responsabbli għal għemil missieru. Ftakru li l-Mislem huwa ħu l-Mislem. Hadd ma għandu jieħu dak li hu ta' ħuh, jekk mhux bil-permess tiegħu. Ftakru li l-imgħax fuq is-self li sar fi Żmien l-Injuranza *(iż-żmien ta' qabel l-Iżlam)* huwa mħassar, ħlief il-kapital *(u dan jibqa' tagħkom)*. Araw li ma timxu ħażin ma' ħadd, u ħadd ma jimxi ħażin magħkom. Anki l-imgħax ta' Għabbās bin Għabd al-Muttalib *(qarib tal-Profet Qaddis (is-sliem fuqu))* huwa mħassar għalkollox. Id-demm kollu li xtered fiż-żmien pagan għandu jibqa' mingħajr tpattija. L-ewwel talba għad-danni tad-demm li xtered fi Żmien l-Injuranza, u li jiena nħassar,

7 Ovvjament, hawn ir-referenza mhix għall-ewwel lejl tax-xahar ta' RamaDān, għaliex il-qamar mhux jissejjaħ *hilāl*, jiġifieri qamar li jinsab fl-ewwel tlett ijiem tiegħu. Barra minn hekk, il-qamar tal-ewwel lejl ma jista' qatt ikollu eklissi, u mhux dejjem faċli li wieħed jarah.

huwa dak ta' al-Hārit̲ bin Għabd al-Muttalib *(qarib tal-Qaddis Profeta)* li trabba fit-tribù ta' Banū Lajt̲ u li nqatel mit-tribù ta' Hud̲ajl. Wissu lil xulxin biex iġġibu rwieħkom tajjeb man-nisa għaliex huma ġew afdati għandkom *(u għad tagħtu kont tagħhom)*. Ma għandkom ebda awtorità fuqhom, jekk mhux għaliex ikunu ħatja ta' mġiba faħxija mill-aktar ċara. Jekk ikunu ħatja ta' dan, ħalluhom waħedhom fis-sodod tagħhom, u olqtuhom, imma mhux bi ħruxija. Jekk jobdu, ma għandkomx għalfejn tkunu ħorox magħhom. Ftakru li għandkom jedd fuq in-nisa tagħkom, bħalma n-nisa tagħkom għandhom jedd fuqkom. Il-jedd tagħkom fuqhom jitlob minnhom li huma jgħixu s-safa. Huma ma għandhomx iħallu lil xi ħadd li ma jogħġobkomx jidħol fi djarkom. Il-jedd tagħhom fuqkom jitlob minnkom li  tkunu responsabbli għall-għajxien tagħhom'." (Tirmid̲ī)

# Il-Komunità Aħmadija Musulmana

Il-Komunità Aħmadija Musulmana (Ahmadiyya Muslim Jamaat) hi organizzazzjoni internazzjonali, b'fergħat f'aktar minn 200 pajjiż.

Il-Komunità Aħmadija tħaddan il-prinċipji tal-paċi, tattolleranza, tal-imħabba u tar-rispett bejn segwaċi ta' twemmin differenti. Hija tgħallem il-veru Iżlam, fil-purità kollha tiegħu. L-Iżlam hu reliġjon ta' paċi. Hu reliġjon li jilħaq mad-domanda u l-isfidi tad-dinja li qed tinbidel.

Il-Komunità Aħmadija żżomm sod u taġixxi fuq it-tagħlim Koraniku: "M'hemmx sfurzar fir-reliġjon."(2:257) Hija tikkundanna bil-qawwi l-vjolenza u t-terroriżmu ta' kull għamla jew raġuni. Hija temmen u tipprattika l-motto tagħha:

**"Imħabba Għal Kulħadd, Mibegħda Għal Ħadd."**

Il-Komunità Aħmadija Musulmana ġiet imwaqqfa minn Ħażrat Mirża Gulam Aħmad (1835-1908) fl-1889 ġewwa raħal żgħir jismu Kadjan fil-Punġab, l-Indja. Hu afferma li hu r-riformatur mistenni tal-aħħar żminijiet u dak li hu mistenni li jiġi mill-komunità dinjija tar-reliġjonijiet (il-Maħdi u l-Messija tal-aħħar ġranet).

Hu ma ġabx leġislazzjoni ġdida, imma ppreżenta l-Iżlam skont ilKoran Imqaddes u kif il-Profeta Muħammad, il-paċi tkun miegħu, ipprattikah; mingħajr ebda alterazzjonijiet li kienu saru matul iż-żminijiet.

Wara l-mewt tal-Fundatur fl-1908, il-Komunità qed tmexxi bl-istituzzjoni tal-Kalifat (tmexxija spiritwali). Issa, il-Komunità Aħmadija għaddejja fiż-żmien sabiħ tal-Ħames Kalif, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, li ġie elett fl-2003. It-titlu uffiċjali tiegħu huwa "Il-Ħames Kalif tal-Messija"

This is a Maltese Translation of the
"SELECTED SAYINGS OF THE HOLY
PROPHET OF ISLAM"
Muhammad, peace be upon him
the Messenger for all mankind.

ISBN 978-1-85372-135-9

9 781853 721359 >